MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-6 ta' Settembru, 2005

Numru. 214/2005

PULIZIJA
SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD
SPETTUR JOSRIC MIFSUD
VS
EL GAMOUDI NABEL MOHAMED

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat El Gamoudi Nabel Mohamed, ta’ 27 sena, bin Mohamed u Fathija, imwieled fil-11 ta’ Mejju 1977 gewwa Parigi, Franza, u residenti gewwa 49 Sunshine Flats, Flt 1 Blk 1, Triq il-Hawt, Swieqi, u/jew Springfield, Triq il-Mulletta, Swieqi, u International Driving Licence 0099771F mahrug fil-11 t’April 2001 gewwa Tripoli, Libya, u akkuzat talli nhar it-8 ta’ Marzu 2005, ghal habta tat-tlieta u nofs ta’ filghaxija (3.30pm), gewwa l-bini tal-Qorti, il-Belt Valletta attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, cioe’ PS765 Samuel J

Attard, filwaqt li kien jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti, u dan bi ksur tal-Artiklu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku cioe’ PS765 Samuel J Attard waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artiklu 95(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe’ offiza ta’ natura hafifa fuq PS765 Samuel J Attard, liema reat sar fuq il-persuna ta’ xhieda jew periti li kienet xehdet jew ta l-fehma tieghu f’kawza u minhabba f’dik ix-xhieda, kif ukoll fuq il-persuna ta’ min kien ufficjal pubbliku jew kien inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u li hu jew kien ufficjal jew impjegat ta’ korp kostitwit b’ligi, meta r-reat ikun sar minhabba li dik il-persuna kienet ghamlet id-dmirijiet tal-kariga taghha, u dan bi ksur tal-Artiklu 221(1), 222(1)(b) u (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, b’ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-Artiklu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikli tal-Avukat Generali, taht liema Artikli din il-Qorti tista’ ssib il-htija fl-imputat.

Rat il-verbal tat-28 ta’ Lulju 2005 fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fl-ewwel seduta ta' din il-kawza, il-Qorti giet rinfaccjata b'allegazzjoni ta' swat fuq l-imputat minn xi membri tal-Pulizija waqt li l-istess imputat kien detenut. Din il-Qorti ghaldaqstant, innominat lil diversi esperti fosthom lill-fotografu Mario Mintoff sabiex jiehu r-ritratti ta' kwalunkwe griehi li seta' kellu l-imputat u nnominat lit-tabib tal-Health Centre Floriana sabiex jezamina lill-imputat, waqt li ordnat lill-Pulizija jesebixxu d-'detail' tal-Pulizija sabiex tara min kien 'on duty' fl-ghassa tal-Pulizija tal-Belt.

Din il-Qorti wkoll gabret ir-relazzjoni ta' Mario Mintoff u semghet ix-xhieda ta' Dr Ramon Tonna u rat u ezaminat il-'medical report' minnu esebit a fol 9, u d-'detail of duties' tal-Pulizija JM1 u JM2.

Mix-xhieda ta' Dr Tonna, a fol 17 sa 20, jirrizulta illi wara ezami mediku fuq l-imputat, huwa sab 'superficial scratch marks' u 'bruises' fuq in-naha tal-lemin tal-ghonq u ftit tbengil hafif fuq in-naha tal-ghajn ix-xellugija. Imbaghad kellu ugiegh fuq il-minkeb tax-xellug u kien qed jilmenta illi kellu nuqqas ta' smiegh mill-widna l-leminija. Dr Tonna sab tbengil fuq il-pinna tal-widnejn, u sab li t-tanbur ta' widen l-imputat kien 'bloodshot'; kellu suspett illi kien infaqaghlu t-tanbur ta' widnejh u ghaldaqstant, irrefera lill-imputat ghal Ear, Nose and Throat (ENT) Specialist.

Dr Tonna qal ukoll illi jehtieg li jghaddi trapass ta' tmienja u erbghin (48) siegha sabiex ifegg it-tbengil fuq il-griehi kollha li seta' garrab l-imputat. Illi ghalhekk, il-Qorti ordnat lil Dr Tonna sabiex jerga' jezamina lill-imputat fi zmien tmienja u erbghin (48) siegha.

Spettur Josric Mifsud, a fol 23 et seq, xehed illi fit-8 ta' Marzu 2005 kien qed isehh guri Repubblika vs Nabel El Gamoudi et, presedut mill-Onor Imhallef Galea Debono, fejn l-imputat kien wiehed minn tlett imputati akkuzati bi traffikar ta' droga, minn liema guri l-imputat gie liberat.

Spettur Mifsud xehed illi huwa u xi Pulizija ohra li kellu mieghu kienu dahlu bhala skorta fil-kamra ta' gewwa fejn

jinzammu l-persuni arrestati fl-istess awla u f'hin minnhom sema' kommozzjoni kbira gol-awla. Ghalhekk hu u l-Pulizija li kien hemm mieghu hargu u l-Ispettur Mifsud sab gemgha nies (Pulizija stazzjonati mad-Drug Squad) li kienu qeghdin jissaraw ma' persuna. Dawn l-istess Pulizija nfurmawh illi l-imputat Nabel Gamoudi kien habat ghas-Surgent 765 u l-Pulizija kienu qed jippruvaw jaqilghu lil Nabel minn fuq is-Surgent. Dan is-Surgent imbaghad hareg mill-awla minn banda wahda, waqt illi Nabel inhareg mill-'exit' normali.

Spettur Mifsud xehed illi s-Surgent 765 intbaghat il-Health Centre, waqt li Nabel gie skortat sal-ghassa l-Belt. Hemmhekk il-Pulizija hadu stqarrija pero' ftit hin wara l-imputat ma riedx ikompli jitkellem u ntbaghat il-'lock up'.

L-istqarrija giet esebita u mmarkata bhala dokument JM a fol 39. Gew esebiti wkoll XJM1-15 hmistax-il ritratt mehudin mill-Pulizija.

In kontro ezami, l-Ispettur Mifsud ikkonferma illi s-seduta quddiem il-Qorti kienet filfatt spiccat, is-sentenza nghatat u l-Imhallef kien hareg mill-awla. Kien ghad fadal biss xi 'staff' tal-Imhallef, il-Pulizija tal-ghassa l-Belt u mill-ghassa ta' San Giljan li kienu skorta, u membri tad-Drug Squad li kienu nghataw ordni biex jibqghu hemmhekk sakemm tigi mbattla kompletament l-awla.

Spettur Mifsud xehed ukoll li kien ghad fadal il-familjari tal-imputat u tal-ko-imputati. Spettur Mifsud xehed illi l-familjari tal-akkuzati kienu dahlu fil-kamra tal-akkuzati u kien ghadda perjodu ta' hin minn meta nghatat is-sentenza, tant illi huwa kien qed jahseb biex jigbor lin-nies tieghu.

Spettur Mifsud ikkonferma illi kien ghad baqa' wkoll l-Avukati Hysler, Azzopardi u Busietta. Mitlub jghid min kienu l-Pulizija li kien hemm imdawwrin mal-imputat (ara fol 31), l-Ispettur Mifsud jghid illi kien hemm PC138 Joseph Portelli, PC1065, Spettur Nesrin Grixti, PC706. Spettur Mifsud ikkonferma illi huwa ta ordni sabiex l-akkuzat jigi mmanettjat mill-ewwel u dan sehh, u

kkonferma li ra lil xi Kuntistabbli jaqbad lill-imputat mic-cinturin sabiex ikun jista' jaqilghu u li minhabba f'hekk l-imputat spicca bil-qalziet imnizzel.

Spettur Mifsud ikkonferma illi s-Surgent 765 Samuel J Attard kien irrisponda lill-imputat bil-kliem:

'sibtni aljenat ghalhekk ghamiltli li ghamiltli' (ara fol 32),
'ejja sibni wicc imb'wicc'.

Spettur Mifsud ikkonferma wkoll li sema' lil Dr Caruana Curran tghid il-kliem indirizzat lis-Surgent Attard:

'Surgent, qed theddu, ieqaf qed nisimghek'.

L-Ufficjal Prosekutur Mifsud xehed illi kien hu personalment li zamm lis-Surgent, qal ukoll li kien l-istess Imhallef li kien talbu biex idahhal ammont ta' Pulizija fl-awla biex izommu sigurta'. Spettur Josric Mifsud xehed illi l-imputat l-ewwel tnizzel il-'lock up' taht il-Qorti sakemm gie l-vann ta' Korradino u hadu lill-kugin tal-imputat, imbaghad l-imputat ittiehed bi skorta l-ghassa l-Belt.

L-Ispettur Josric Mifsud cahad li fil-prezenza tieghu l-imputat gie msawwat minnu jew minn haddiehor. Spettur Josric Mifsud ikkonferma li s-Surgent Samuel Attard u hu, kienu kollegi meta l-Ispettur Mifsud kien fid-Drug Squad, li pero' qatt ma kien is-sub altern tieghu.

Fit-tieni kontro ezami tieghu, l-Ispettur Josric Mifsud innega li xi hadd sawwat lil Nabel, pero' qal:

'mill-esperjenza tieghi, kienu qed juzaw forza necessarja biex iwaqqfu' lill-imputat.

Dawn il-Pulizija kienu PC1065, PC138 Portelli, u PC706 Norman Cremona, pero' ma setax jghid kull wiehed x'kien qed jaghmel hlief li wiehed minnhom kien qed jigbed lill-imputat mic-cinturin tal-qalziet (ara fol 44). Xehed ukoll li l-Pulizija kienu daru mal-imputat u li hu ma setax jarah lill-imputat li kien nizel kokka.

Mitlub mill-Qorti jghid jekk rax lil xi membri tal-Pulizija jaghtu daqqiet ta’ ponn fuq il-persuna tal-imputat, Spettur Mifsud jirrispondi:

‘ma niftakarx li rajt’ (ara fol 47).

Spettur Mifsud, in kontro ezami, ippreciza illi PC1065 u PC138 kienu qeghdin jissaraw mal-imputat u x’aktarx kien PC706 li kien qed jigbed lill-imputat mic-cintorin. L-Ispettur Mifsud xehed illi l-imputat imbaghad gie mtella’ ftit qabel il-hamsa u nofs u hamsa ta’ filghaxija (17.35pm) sabiex jittiehed l-’statement’ u dak il-hin innota li l-imputat kellu hmura fl-‘area’ ta’ wiccu u ta’ ghonqu. L-Ispettur Mifsud xehed illi huwa fl-ebda hin ma ammonixxa lis-Surgent Attard il-ghaliex dan kien vittma tal-incident. L-incident fl-Awla Kriminali kien dam xi hmistax-il minuta u Dr Pattignot kien invista lill-imputat.

A fol 55, PS765 Samuel Attard xehed wara li nghata twissija, illi fit-8 ta’ Marzu kien qieghed ordnat fl-awla tal-Qorti Kriminali waqt li nghatat sentenza fil-konfront ta’ El Gamoudi u ohrajn. El Gamoudi kien hareg liberat. L-imputat kien dahal fil-kamra tal-imputati u wara xi hin kien hareg mal-Avukati tieghu. PC765 jghid li huwa kien qed jitkellem ma’ PC706 u ma’ PC1065 meta:

‘l-imputat naf li deher hiereg hekk kien qed jibki, u filli hiereg ghal barra, u filli f’daqqa wahda, dar fuqi, tani daqqa ta’ ponn jigifieri u baqa’ gej bija b’kollox hekk jien intfajt lura, u gie jiena gejt qisni dahri ‘l isfel hekk u kompla jtini bil-ponn jigifieri hekk minn taht. U mbaghad PC706, 1065 u 138 jidhirli li kien hemm xi Pulizija ohra gew izommuh, ippruvaw inizzluh minn fuqi…’.

Is-Surgent Attard esebixxa dokument PS, certifikat mediku ta’ griehi ta’ natura hafifa, salv komplikazzjonijiet, liema certifikat gie rilaxxat mid-Dipartiment tal-Emergenza tal-Isptar San Luqa. PS Samuel Attard ikkonferma li huwa kien xhud fil-process kontra Nabel, u li fil-gurnata tal-incident huwa kien liebes pajzan u li pogga fejn ipoggu r-‘reporters’.

Surgent Attard ikkonferma wkoll li waqt ix-xhieda tieghu, l-Imhallef kien waqqfu. Is-Surgent Attard innega li kien qed jidhaq meta kien hiereg Nabel.

Spettur Micallef Grimaud, a fol 66 et seq, xehed illi huwa kien ta struzzjonijiet sabiex l-imputat jingieb quddiemu sabiex jigi nterrogat flimkien mal-Ispettur Josric Mifsud. Illi dan gie akkumpanjat minn membri tal-Pulizija li qalu lill-Ispettur Micallef Grimaud li l-imputat ma riedx jitla'. Spettur Micallef Grimaud xehed illi l-imputat deher emozzjonat, imgerfex u daqsxejn irrabjat, tant li meta ra hekk, sbarazza l-wicc tal-iskrivanija tieghu. Inghata s-solitu twissija u l-imputat irrisponda xi ftit domandi u mbaghad infurmah li ma kienx se jitkellem iktar.

Spettur Micallef Grimaud ikkonferma li hu ma kienx prezenti l-Qorti meta kien gara l-incident, izda gie nfurmat b'dak li gara. Spettur Micallef Grimaud ikkonferma li l-Pulizija li skortawh sal-ufficcju tieghu, qalulu illi l-imputat ma riedx johrog mic-cella u ma riedx jidhol fil-'lift'.

PC706 Norman Cremona, a fol 70 et seq, xehed illi kien tela' mal-Ispettur Nesrin Grixti biex jassisti waqt guri flimkien ma' PC138, PS765 u PC1065. F'mument wiehed, inhareg l-imputat mill-kamra ta' wara l-awla mal-iskorta tieghu, gie rrankat fuq PS765 u xejjirlu 'xi daqqtejn ta' ponn'. PC706 qal illi l-Pulizija ppruvaw jaqilghuh minn fuq is-Surgent li kien intefa' mal-art. PC706 xehed illi l-Pulizija gibdu lill-imputat minn fuq is-Surgent Attard, immanettjawh u nizzluh isfel.

PC706 xehed illi huwa qabel l-incident, kien qieghed jitkellem ma' PS765 u Neville Grech li kienu hdejn xulxin u li l-attakk sar bla kliem u bla sliem:

'kien aggressiv hu, kien aggressiv hafna ghax filfatt hu kellu tnejn mieghu hux biex nippruvaw nimmanettjawhom. Imbaghad fl-istess hin lahqu dahlu PC138 ghax inzerta kien qieghed barra fl-awla ghax semghu l-istorbju u s-siggijiet jaqghu, u dahal… l-Ispettur Nesrin Grixti, jigifieri kellna bilfors induru mieghu ghax kien aggressiv hafna biex sakemm qbadnilu l-manetti hux …'.

Mitlub mill-Qorti jghid jekk l-imputat qalx xi kliem waqt l-allegat attakk, PC706 irrisponda fin-negattiv.

PC1063 Joseph Mizzi, a fol 74 et seq, xehed illi huwa kien ‘duty’ l-Qorti waqt li nghatat is-sentenza lill-imputat. PC1063 kien gie mqabbad mill-Ispettur Josric Mifsud biex jiskorta lil Dr Said sal-ufficcju tal-Avukat Generali. Wara dan, mar lura l-Qorti fejn sab li fl-awla kien hemm bankijiet, l-‘speakers’ u ‘microphones’ maqlubin mal-art, tela’ sal-ghassa, imbaghad gie moghti ordni mill-Ispettur Micallef Grimaud biex jiskorta lill-imputat sal-ufficcju tieghu. Meta nizel, sab lill-imputat isabbat goc-cella, ihabbat mal-bieb, mas-sodda bis-saqqu mitfugh mal-art.

PC1063 xehed illi huwa beda jipprova jipperswadih biex jikkopera, irnexxilu jimmanettjalu id wahda, izda l-imputat kompla jsabbat, u ghaldaqstant cempel ghall-assistenza, waqt li huwa mar fuq bicca xoghol ohra, imbaghad ra lill-imputat fl-ufficcju tal-Ispettur Micallef Grimaud.

PC258 Mallia, a fol 78 et seq, kien ix-xufier illi ha lill-imputat mill-Qorti sal-ghassa l-Belt. PC258 xehed illi ma kien hemm ebda kommozzjoni fil-karozza u li l-imputat kien kalm hafna. Illi fil-karozza kien hemm ukoll is-Surgent 710 u l-Kuntistabbli 1063.

PS1338 Noel Apap, a fol 81 et seq, xehed illi huwa kien gie nfurmat illi PS765 Samuel Attard kien gie attakkat mill-imputat u li hu kien nizzel lill-imputat sal-‘lock up’ tal-Belt. Imbaghad kien ha lis-Surgent 765 l-isptar. PS1338 xehed illi hu kien ha lill-imputat l-ghassa l-Belt biex jigi nterrogat mill-Ispettur Mifsud u Grimaud.

PS1338 Apap xehed illi l-imputat meta rah fil-‘lock up’ kien aggressiv hafna u beda jghajjat, u ried ihebb ghal kulhadd. PS1338 xehed illi huwa kkalma s-sitwazzjoni mbaghad skorta lill-imputat fil-‘lock up’ tal-Furjana skond struzzjonijiet u l-imputat hareg bil-kwiet. Xehed ukoll illi l-imputat kien ikkalma ghaliex kienu kellmuh ukoll xi familjari tieghu.

PC533, a fol 95 et seq, kien dettaljat bhala skorta mal-kugin tal-imputat li kien instab hati tat-traffikar tad-droga fit-8 ta’ Marzu 2005. Illi f’hin minnhom, sema’ hafna ghajjat u storbju fl-awla u sab lill-imputat El Gamoudi fuq is-Surgent Sammy Attard. PC533 xehed illi prova jaqilghu minn fuqu u ma rnexxilux:

‘xi hadd beda jghajjat tmissuhx, tmissuhx. Ahna ma bdejniex intuh xejn, jien just bdejt naqilghu minn mieghu, imbaghad bdejt nisma’ halluh, halluh, ittuhx aktar, ma ttuhx,’ kliem li ntqal mill-Avukati tad-Difiza.

PC533 xehed illi hadd ma kien qed itih u li hu kien biss qed jigbdu mic-cintorin. PC533 ikkonferma illi l-imputat sawwat lis-Surgent Attard billi tah bil-ponn. PC 533 ikkonferma li dan l-incident sehh wara li l-imputat kien gie liberat u wara li l-imputat u l-Avukati kienu qeghdin jippruvaw jikkunslaw lill-imputat Rida li kien ghadu kemm gie kkundannat tnejn u ghoxrin (22) sena habs.

PC533 ikkonferma li l-akkuzat kien kommoss u anke beda jibki. PC533 xehed illi hu kien ghamel ftit taz-zmien fil-kamra tal-akkuzati fejn kien qed jigi kkunslat l-imputat Rida, u kien wara dan il-hin li sema’ l-kommozzjoni barra. Meta hareg, PC533 sostna illi sab gegwigija ta’ nies li kienu qed jiccirkundaw lill-imputat El Gamoudi:

‘kien hemm hafna nies, kien hemm tmienja zgur.’ (ara fol 100).

PC533 xehed illi membri tal-Pulizija kellhom ukoll izommu lis-Surgent Sammy li kien qed jipprova jiddefendi ruhu. Wara li l-imputat gie mmanettjat, PC533 dahal lura fil-kamra ghax kien skorta mal-imputat l-iehor. PC533 ma ra ebda dmija fuq wicc l-imputat ghaliex hu kien iccirkundat mill-Pulizija. PC533 xehed illi meta dahal gewwa sema’ tisbit pero’ ma setax jghid min kien qed isabbat. Qal ukoll illi ma jafx kif l-imputat spicca bit-tanbur ta’ widnejh mifqugh.

PC533 xehed illi ra nies isawwtu lill-imputat (ara fol 106), rah jimbuttawh pero' ma setax jghid fejn bdew ituh jew min beda jtih. Aktar tard jghid:

'jien ghalija mhux as such bdew ituh, bdew jimbuttawh biex jinqalghu minn ma' xulxin.' (ara fol 107).

Crucifisso Briffa, a fol 110, xehed illi dakinhar huwa kien Marixxal tal-Awla Kriminali addett mal-Imhallef Dr Galea Debono, kien spicca l-kaz u kien dahal fis-sigrieta. Mitlub jghid x'ra, Briffa jghid:

'rajt l-akkuzat fejn il-bieb ta' barra, f'daqqa wahda dar hekk u telaq jigri fejn kien hemm il-bank tal-gurnalisti, kien hemm is-Surgent 765 u rajtu jdur fuqu u gie fuqu hekk ghax kien ghadu bilqeghda u mbaghad f'daqqa wahda rajt lill-Pulizija l-ohra…l-imputat gera ghal fejn il-bieb ta' barra, tela' l-platform u mar fejn kien hemm is-Surgent u gie hekk fuqu u qabat go fih.' (ara fol 111).

Briffa ma rax lill-imputat isawwat lis-Surgent imma rah speci ta' mghannaq mieghu. L-azzjoni kienet pero' wahda aggressiva. Briffa xehed li mbaghad ra lill-Pulizija l-ohra jippruvaw jaqilghu lill-imputat minn mas-Surgent pero' ma ra lil hadd minnhom isawwat lill-imputat. Briffa kkonferma li ma kienx hemm iktar minn erba' Pulizija fuq l-imputat. Briffa kkonferma wkoll illi l-Imhallef Galea Debono kien ordna xi tmien Pulizija biex ikunu prezenti, fosthom is-Surgent Sammy Attard ghal waqt is-sentenza. Briffa kkonferma wkoll illi kien ghadda xi zmien mill-pronunzjar tas-sentenza, tant li l-Prosekutur kien telaq u l-Imhallef kien dahal fis-sigrieta. Briffa ma semax lis-Surgent jhedded lill-imputat jew isabbat mal-bieb, lanqas ma ra lill-imputat bil-qalziet imnizzel. Briffa ma jiftakarx li ra lil xi hadd b'xi dmija ma' wiccu. Briffa xehed li hu dahal fis-sigrieta biex jinforma lill-Imhallef b'dak li kien qed jigri.

PS710 Mangion, a fol 124 et seq, xehed illi huwa dakinhar tal-incident kien xoghol l-ghassa tal-Belt u sema' hafna tahbit fic-celel tal-ghassa u kien gie moghti struzzjonijiet sabiex itella' lill-imputat fuq. L-imputat ma riedx jaghtihom idejh biex jigi mmanettjat u allura kellu jiftah ic-cella. Kif

ghamel hekk, PS710 qala' daqqa ta' bieba u sab ruhu mal-hajt l-iehor. PS710 xehed illi:

'dan ir-ragel qbadnieh bl-inqas mod li nistghu nwegghuh u tellajnieh fejn l-Ispettur.'

PS710 ma ghamilx certifikat. PS710 ikkonferma li mieghu kellu lil PC1474. PS710 xehed:

'zammejnieh, hkimnieh f'idejna, zammejnieh li ma jahrabilniex 'l barra u mhux sewwa ghax jekk jipprova jigbed u jahbat ma' kantuniera, dan ovvjament ha jwegga' drieghu mbaghad …' (ara fol 125).

PS710 sostna illi huwa bl-ebda mod ma sawwat lill-imputat u nnega li xi hadd ta bil-ponn fuq wicc u fuq ghajn l-imputat. PS710 gie moghti t-twissija skond il-ligi u nnega bil-qawwa illi huwa jew haddiehor fil-prezenza tieghu sawwat lill-imputat. Innega li ra xi dmija fuq il-persuna tal-imputat.

Spettur Nesrin Grixti, a fol 129 et seq, xehed illi huwa kien Ufficcjal Prosekutur fil-guri tal-imputat u li s-sentenza kienet inghatat u hu flimkien ma' PC138 kien hareg barra mill-awla biex jinforma lis-superjuri tieghu. F'daqqa wahda, sema' hafna ghajjat u storbju mill-awla u hu u PC138 dahlu u sabu lill-imputat jiggieled bl-idejn ma' PS765 u PC706, PC1086 u Kuntistabbli iehor:

'filfatt ma stajniex naqilghu lill-imputat, bdejna pero' nippruvaw ma jkomplix jiggieled bl-idejn', indahal sahansitra xi qarib tal-imputat u wara xi ftit minuti l-Pulizija rnexxielhom iwaqqfu lill-imputat.

Spettur Nesrin Grixti ma ra lil hadd isawwat lill-imputat u:

'l-uniku forza li ntuzat kienet biex iwaqqfu lill-imputat milli jkompli jiggieled mas-Surgent, u dan wara diversi twissijiet ghal waqfien.'

PC138 Joseph Portelli, a fol 132 et seq, ikkonferma x-xhieda tal-Ispettur Grixti u kif dahlu fl-awla, sabu lill-

imputat imqabbad ma’ PS765, PC706 u PC1065 kienu qeghdin jippruvaw jaqilghu lill-imputat minn fuq is-Surgent, li marru jassistuhom sakemm il-Pulizija tal-Belt immanettjaw lill-imputat, u nizzluh fil-‘lock up’ . PC138 sostna li damu xi tlett minuti jissaraw mal-imputat. PC138 ma ra lil hadd isawwat lill-imputat izda ra ftit dmija fuq xufftejn l-imputat. Mitlub jghid b’liema manjiera kienu qeghdin jippruvaw irazznu lill-imputat, PC138 xehed a fol 133:

‘bdejna nigbduh minn idejh, minn dahru, minn saqajh u fl-ahhar qlajnieh.’

PC1474 Lawrence Scerri, a fol 136 et seq, gie moghti struzzjonijiet biex jeskorta lill-imputat s’ghand l-Ispettur Mifsud u sema’ hafna ghajjat u storbju mic-cella tal-imputat. Il-Pulizija saru jafu li kien hemm xi familjari tal-imputat mizmum, u ghaldaqstant inghatat koncessjoni sabiex dan jintercedi mal-imputat u jikkalmah. Meta dan sehh, PC1474 ha lill-imputat immanettjat ghand l-Ispettur bil-kwiet u bla problemi ta’ xejn. Tant hu hekk illi l-imputat intalab iridx xi kafe’ jew xi haga x’jixrob, u l-imputat staqsa ghal l-ilma u nghata x’jixrob.

PC1474 kompla fuq xi xoghol iehor u rega’ gie nfurmat li l-imputat kien qed jaqla’ l-inkwiet u kif dahal sab lis-Surgent jigi mbuttat lura mal-bieb. Is-Surgent ghamillu l-manetti u l-imputat ittella’ fil-‘lift’ iz-zghir u kkonsenjawh lill-Ispettur Micallef Grimaud.

PC1474 xehed illi fil-bidu, l-imputat kien qisu fl-istat ta’ delirju. Kemm hu kif ukoll is-Surgent Mangion kienu bl-uniformi meta skortaw lill-imputat ghand l-Ispettur Micallef Grimaud.

PC152 Consiglio Tanti, a fol 139 et seq, xehed li kien ghassa fil-‘lock up’ tal-Belt u ra lill-imputat jargumenta u jaqla’ ‘panic’ shih fejn il-‘lift’ tal-guri u fetah il-‘lock up’ u dahhal lill-imputat fih u l-imputat kien aggressiv hafna, beda jhabbat mal-bibien, tant li PC152 Tanti beza’ illi ser iwegga’ lilu nnifsu. Li l-Pulizija madwaru kienu qed jippruvaw jikkalmawh, l-Ispettur Josric Mifsud kellem lill-

kugin tal-imputat halli jipprova jikkalmah, u wara li kellmu kuginuh, l-imputat ikkalma. Imbaghad gie l-vann tal-Pulizija u gie skortat. PC152 Tanti xehed illi hadd ma' wegga', li apparti t-tisbit ma gara xejn iktar.

A fol 142 et seq, Salem Rida xehed illi dakinhar tal-incident huwa kien gie sentenzjat u dahlu fil-kamra ta' gewwa. Wara ftit minuti sema' xi ghajjat mill-awla u hareg ma' zewg ufficjali tal-Pulizija u:

'sibt kwazi xi tmien Pulizija mdawwrin mal-akkuzat Nabel Gamoudi li jigi l-kugin.'

'Dawn, uhud minnhom kienu mill-iskwadra li arrestawh, erba' jew hamsa bl-uniformi u l-Ispettur Nesrin Grixti li prova jimmanettja lill-imputat, waqt li tnejn ohra kienu qeghdin ituh b'irkubbtejhom bil-genb u l-Pulizija l-ohrajn ituh fuq dahru bl-addocc.'

Rida xehed li pprova jintercedi izda gie imdahhal 'l gewwa minn zewg Pulizija u mehud isfel fic-cella. Hemmhekk gie moghti cans ikellem lill-imputat. Rida sema lill-imputat jghid:

'ghalfejn ghalfejn', izda ma semax kliem iehor. Rida xehed li hu kien talab lill-Pulizija biex ikellem lill kuginuh sabiex jikkalmah.

In kontro ezami, Rida kkonferma li filwaqt li l-imputat El Gamoudi kien gie liberat, huwa kien gie kkundannat tnejn u ghoxrin (22) sena prigunerija. Illi huwa u l-imputat kienu haduha bi kbira tant li kienu qeghdin jibku. Maghhom kien hemm l-Avukati Difensuri. Rida kkonferma li kienu ghamlu ghaxar (10) xhur arrestati u sena u disa' (9) xhur 'house arrest'. Ikkonferma wkoll li kienu damu xi ghaxar minuti fil-kamra tal-akkuzati adjacenti mal-kamra tal-Qorti Kriminali mal-Avukati Difensuri, imbaghad hargu mill-kamra. Kien hemm li Rida sema' hafna ghajjat u sema' lil kuginuh jghid 'ghalfejn ghalfejn' u ra lill-imputat imdawwar bi tmienja jew disgha Pulizija. Rida kkonferma li Dr. Mallia beda jghid lill-Pulizija biex ihalluh.

A fol 129, Rida jghid is-segwenti:

‘l-izjed haga li rajt qeghdin hdejn il-bieb tal-awla, kien hemm hamsa Pulizija zgur tal-uniformi, u kien hemm dawn it-tlieta tal-iskorta tal-istess li kellna fil-kaz. Kien hemm l-Ispettur bl-uniformi tieghu u kien hemm Sir iehor b’xaghru twila, u kien hemm iehor bin-nuccali kien qed jigbidlu idu l-ohra biex jaghmillu l-manetti, imbaghad l-ohrajn kollha qed ituh fuq rasu, fuq dahru, u bdew ituh bil-genb fejn wiehed minnhom beda jghidlu gib idek, gib idek, u kien hemm missieri wkoll maghhom qieghed biex iferraqhom ukoll.’

Rida xehed li huwa tnizzel go cella u sema’ l-ghajjat mill-imputat Nabel:

‘U ta tnejn bis-sieq lill bieb tac-cella.’

Rida talab lill-Pulizija permess biex ikellem lill-imputat Nabel u inghata permess biex imur jikkunslah. Rida xehed, a fol 149, li l-imputat qallu illi s-Surgent kien qaghad jidhaq f’wiccu. Rida xehed li dan kien l-istess Surgent li kien gie imwiddeb mill-Imhallef Galea Debono xi darbtejn. Rida xehed li ma rax dmija fuq wicc kuginuh imma ra xi daqqiet.

Dr. Patrick Farrugia ikkonferma ic-certifikat mediku tas-Surgent Sammy Attard, u li l-griehi li garrab kienu ta’ natura hafifa salv kumplikazzjonijiet. Ma kienx f’pozizzjoni li jghid jekk avverrawx ruhhom dawn il-kumplikazzjonijiet.

Dr Ramon Tonna, a fol 173, ikkonferma illi l-imputat kellu dmija fuq parti ta’ gewwa ta’ widintu. Haseb illi kien hemm rottura tat-tanbur tal-widna pero’ ma kienx zgur ghax ma kellux strumenti adatti, u ghaldaqstant irreferih ghal ENT specialist. Li meta rega’ rah wara erba’ u ghoxrin (24) siegha, ma kinux zviluppaw griehi jew tbengil iehor.

L-imputat El Gamoudi, a fol 177, xehed illi huwa ghandu tmienja u ghoxrin (28) sena u kien ‘manager’ f’kumpanija ta’ zijuh hawn Malta, li huwa twieled u ghex Parigi u studja fl-Universita’ tal-Libya. Illi fit-8 ta’ Marzu 2005, hu gie

liberat minn kwalunkwe akkuza waqt li kuginuh Rida wehel tnejn u ghoxrin (22) sena habs. Illi huwa u Rida kienu saru hbieb tal-qalb, stante li kienu ghamlu zmien konsiderevoli f'arrest preventiv u zmien itwal f''house arrest'. Illi meta Rida gie sentenzjat, hu u l-familjari taghhom kienu haduha bi kbira hafna u hu flimkien ma' l-Avukati u l-familjari kienu ppruvaw jikkunslawh ghal xi ghoxrin minuta.  Meta kienu hergin u sejrin lejn il-bieb, l-imputat jghid li sab is-Surgent wieqaf hdejn il-bieb jitkellem ma' haddiehor:

"Dak il-hin meta kont hiereg kont nibki dak il-hin, kont f'mument hazin hafna u kont hiereg u rajt lill-Ispettur u rajtu ihares u rajtu jidhaq bija …

Dif: Min beda jidhak bik?
Imp:  Is-Surgent, is-Surgent harisli u beda jidhaq bija, haraqni dak il-hin ma stajtx nikkontrolla lili nnifsi, mort ghalih, imbuttajtu u tajtu daqqa." (ara fol 181).

Imbaghad gie imdawwar mill-Pulizija:

'kwazi sitta jew tmienja Pulizija… bdew jaghtuni f'gniebi b'saqajhom, b'idejhom, gibduni mill-qalziet, spicca ma' l-art il-qalziet, immanettjawni, kollha fuqi bdew ituni, bdejt nisma lill-Avukati jghidulhom issawtuhx, issawtuhx, is-Surgent beda jghidli ejja sibni wahdi, dak hu. Imbaghad zammewni, immanettjawni u tefghuli rasi mal-bank tal-injam…bdew isabtuli rasi mal-injam, imbaghad haduni u dahhluni gewwa." (ara fol 181).

L-imputat jghid li huwa irrabja meta ittiehed fic-cella l-ghaliex allavolja kien gie liberat, kien qala' xebgha ghalxejn.  Ikkonferma li kuginuh nizel jikkalmah imbaghad il-Pulizija mmanettjawh u tefghuh fic-cella fl-ghassa bil-manetti. Imbaghad talbuh biex jaghmlulu l-manetti minn fuq wara u hu rrifjuta u ghalhekk dahlu fuqu, dahhluh fil-'lift' u mbaghad tellghuh fl-ufficju tal-Ispettur, qalulu biex ipoggi fuq is-siggu u l-Pulizija tah daqqa go widnejh.

In kontro ezami, l-imputat gie mitlub jghid kif wasal ghal konkluzjoni li s-Surgent kien qed jidhaq bih u xehed, a fol 185:

‘Meta tkun qed tibki u harisli bniedem u joqghod jidhaq bik hekk…harisli u beda jidhaq ghax rani qed nibki.”

L-imputat ikkonferma li hu beda jaghmel storbju fic-cella ghaliex qala’ xeba ghalxejn. L-imputat ikkonferma li huwa ma talabx ghat-tabib.

Dr. Emanuel Mallia, a fol 188, xehed illi hu kien wiehed mill-Avukati tal-fiducja tal-imputat. Ikkonferma li l-imputat kien qieghed taht ‘house arrest’ ma’ kuginuh Rida, u Dr Mallia xehed dwar kemm kienu saru ‘close’ l-imputat u kuginuh Rida. Xehed illi huwa nnota li f’dan il-kaz meta l-gurija waslet ghall-verdett, kienu dahlu x-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni. Illi ghalkemm l-imputat odjern, kif ukoll ko-imputat bl-isem ta’ Saber, kienu gew liberati, l-kugin tal-imputat Rida kien gie kkundannat tnejn u ghoxrin (22) sena habs. Illi ovvjament Rida kien baqa’ mbikkem, waqt li l-familjari tieghu kienu qed jippruvaw jikkunslawh, u dahlu kollha fil-kamra tal-akkuzat flimkien mal-Avukati Difensuri.

Kif kienu hergin iz-zewg akkuzati li kienu gew liberati, Dr Mallia xehed illi ra lis-Surgent jidhaq dahqa sardonika. Xehed li ftit sekondi wara ra lil Nabel jigri ghal fuq dan is-Surgent u jtih daqqa ta’ ponn. Fi ftit sekondi, l-imputat gie ccirkondat u:

‘kulhadd intefa’ fuqu, jien rajthom ituh jigifieri effettivament…’ (ara fol 190).

Dr Mallia xehed illi kien hemm bejn seba’ u disa’ Pulizija fuq l-imputat. Dr Mallia xehed li s-Surgent beda jindirizza lill-imputat u jghidlu:

‘ejja sibni wahdi.’

Xehed ukoll li s-Surgent ta daqqa fuq il-bieb, li dan is-Surgent kien irrabjat u anke kellu jigi mizmum mill-Pulizija.

Meta raw din ix-xena, l-Avukati Difensuri kienu nkwetati u ghaldaqstant, marru jaraw fejn kien qed jinzamm l-imputat, u marru sal-ghassa l-Belt.

Dr Mallia xehed illi minn dak li jirrizultalu kien is-710 li kien sawwat lill-imputat.

Dr Caruana Curran, a fol 193, xehdet illi hija kienet Avukat tal-fiducja tal-imputat, ta' kuginuh Rida Salem Mohamed, flimkien ma' Dr Mallia. Ikkonfermat illi waqt il-verdett, kienu dahlu l-Pulizija tad-Drug Squad 'in plain clothes' u poggew fil-bank tal-gurnalisti ezattament faccata tal-gurati. Meta hareg il-verdett, l-imputat u l-ko-imputat Saber gew liberati, waqt li Rida Salem Mohamed gie kkundannat ghal tnejn u ghoxrin (22) sena habs, u ghaldaqstant, kien hemm atmosfera ta' qsim il-qalb. Hekk kif Nabel kien qieghed hiereg 'l barra mill-awla, kommoss u ghadu qed jibki, Dr Caruana Curran semghetu jghid il-kliem 'Le, le' u mar dritt fuq wiehed mill-Pulizija u tah daqqa. Minnufih daru xi sitta tmienja Pulizija u Nabel kien rasu baxxuta mal-bank, gie mkaxkar lejn il-bank tal-akkuzati, bil-qalziet tieghu mal-art, u bdew ituh. imputat ma seta'jaghmel xejn, lanqas seta' jiccaqlaq.

Dr Caruana Curran xehdet li hija bdiet tghidilhom biex ma jsawwtuhx u biex ihalluh, u anke sabiex ihalluh itella' l-qalziet. Sadanittant, is-Surgent Attard rega' dahal mill-bieb tal-gurati, u beda jindirizza lill-imputat bil-kliem 'ejja sibni wahdi' u deher ifferocjat. Dr Caruana Curran indirizzatu sabiex iggibu f'sensih bdiet tghidlu li huma kienu qed jaraw kollox. Dr Caruana Curran tghid li s-Surgent Attard kien mar fuq il-bieb u ta daqqa ta' ponn fuq il-bieb imbaghad hareg, waqt li l-imputat gie mkaxkar lejn il-'lift'.

Dr Caruana Curran xehdet illi hija kienet inkwetata hafna ghaliex qatt ma kienet rat xena bhal dik, u hi u Dr Mallia kienu mxew sal-ghassa l-Belt. Dr Caruana Curran xehdet illi hemmhekk qalulha illi l-imputat ma kienx fl-ghassa, u wara dan kienet cemplet lill-Ispettur Nesrin Grixti biex taccerta ruhha li l-imputat ma ntmessx. Dr Caruana Curran innutat li meta regghet rat lill-imputat, kellu dmija

hierga minn widen l-imputat sa ghonqu u osservat li l-ahhar li ratu l-Qorti, l-imputat ma kellux griehi f'wiccu. Fl-incident li sehh fil-Qorti Kriminali, Dr Caruana Curran sostniet li l-imputat kien qed jissawwat fil-partijiet ta' gismu bhal fil-gnub u fil-'kidneys'. Meta rat lill-imputat l-ghada, innutat li huwa kellu 'a black eye' u rat id-demm niezel minn widnejh.

Dr Caruana Curran xehdet illi l-imputat qalilha li waqt li kien qieghed bilqeghda quddiem l-Ispettur, gie minn warajh Pulizija iehor u tah daqqa fuq widintu, tant li ma kienx qed jisma'. Dr Caruana Curran xehdet illi f'wahda mis-seduti l-imputat kien indikalha min kien il-Pulizija li sawwtu u ndikalha lis-710. Dr Caruana Curran xehdet li hija ma kinitx taf li l-imputat kien tnizzel il-'lock up' taht il-Qorti, ghax kieku certament ma kinitx se titla' sal-ghassa tal-Belt.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda fuq esposta, huwa evidenti illi l-imputat dehrlu li kellu jattakka lis-Surgent Attard il-ghaliex dan, fl-isfond tal-atmosfera mbikkma wara l-kundanna ta' tnejn u ghoxrin (22) sena habs fuq kuginuh, hass u kien tal-opinjoni li l-istess Samuel Attard kien qed jidhaq bih u bis-sitwazzjoni li kien qieghed fiha.

Illi ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi ma jissussistix ir-reat mahsub tahl-Artiklu 95 jew 96, u cioe' l-ewwel zewg akkuzi, u dan il-ghaliex l-attakk jew l-offiza fuq il-persuna ta' PS765 Samuel Attard ma saritx minhabba l-fatt illi dan kien persuna nkarigata skond il-ligi mis-servizz pubbliku, jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bi hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi presekuzzjoni ta' dak is-servizz. L-attakk, fil-fehma ta' din il-Qorti, kien wiehed fuq livell personali u ma kellu x'jaqsam xejn mal-kariga ta' Surgent tal-Pulizija.

Illi r-reat illi jinkwadra ruhu mill-fatti speci ta' dan il-kaz huwa ghalhekk l-Artiklu 221. Infatti, kien l-imputat stess apparti n-numru konsiderevoli ta' xhieda f'dan il-kaz illi kkonferma li huwa mar fuq PS765 u tah daqqa ta' ponn, u

dan ghax haseb u hass ruhu aggravat mill-fatt illi PS765 Attard kien qieghed jidhaq bih u bis-sitwazzjoni li kien jinstab fiha.

Din il-Qorti rat illi l-Prosekuzzjoni ma gabitx provi kif trid il-ligi u cioe' sal-livell probatorju ta' 'beyond reasonable doubt', illi l-attakk fuq PS765 Attard sar mill-imputat ghaliex dan kien xhud jew perit f'din il-kawza. Il-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova biex taghmel nexus bejn ix-xhieda ta' PS765 Attard fil-guri, u l-attakk mill-imputat. Minghajr provi ta' dan in-nexus, ebda Qorti ma tista' ssib htija fuq ic-cirkostanzi aggravanti mahsuba fl-Artiklu 222(1)(b).

Lanqas ma jissussistu c-cirkostanzi aggravati taht is-Subinciz (c) tal-istess Artiklu ghaliex ghalkemm il-Prosekuzzjoni gabet provi zgjaccanti illi PS765 Samuel Attard kien 'public officer' u kien qieghed fuq dmirijietu, l-istess Prosekuzzjoni naqset li tipprova li r-reat sehh mill-imputat minhabba l-fatt illi Samuel Attard kien qed jaghmel dmirijietu,. Kif diga' ntqal aktar kmieni, ir-reat sar mill-imputat ghaliex haseb, tajjeb jew hazin li Samuel Attard kien qed jidhaq bih.

In oltre, din il-Qorti ma tarax illi l-fehma soggettiva tal-imputat hija tali li tikkwalifika ghall-provokazzjoni skond il-ligi.

Ghar-rigward tal-ahhar akkuza, bla dubju ta' xejn, il-lok fejn sehh l-incident huwa post apert ghall-pubbliku, u ghaldaqstant, mill-provi li semghet il-Qorti zgur li tissussisti r-raba' l-akkuza.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati tal-ewwel zewg akkuzi u minnhom tilliberah, hati tat-tielet akkuza minghajr l-aggravji, hati tar-raba' akkuza, u dana ai termini tal-Artikli 221, 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti fl-ghoti tal-piena, hadet in konsiderazzjoni diversi aspetti f'din il-kawza, inkluz ir-retroxena shiha ta' dan il-kaz, l-'ordeal' li l-imputat ghadda fiz-zmien li huwa

kien detenut mill-Pulizija, u ghaldaqstant tikkundannah ghal xahrejn u nofs prigunerija li minnha jrid jitnaqqas iz-zmien illi l-imputat ghadda fl-arrest preventiv.

Il-Qorti hi tal-fehma illi ghandha iggib a konjizzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija l-atti kollha ta’ din il-kawza, sabiex huwa jkun jista’ jiehu dawk il-passi necessarja kontra dawk il-membri tal-Pulizija li ma osservawx il-ligi skruplozament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------